MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Numru 245/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MORGAN AZZOPARDI**

**VS**

**CHARLES SPITERI**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charles Spiteri, iben Carmel u Rose nee' Delia, mwieled Pieta', fl-10 ta' Frar 1964 u residenti Flat 7, Entratura A, Binja K,

Triq il-Gizimina, Housing Estate, Zabbar, detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 2074(M);

Talli fil-lejl ta' bejn is-26 ta' Jannar 2002 u s-27 ta' Jannar 2002, f'Haz-Zabbar, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, li ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema delitt li kieku sehh, kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, liema serq jeccedi l-Lm1000 ghad-detriment ta' Joseph Ellul;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-Lm500, ghad-detriment ta' Joseph Ellul;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, wara li gie ikkundannat f'Malta, ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f'dak iz-zmien;

U aktar, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura li kienet fit-triq jew lok pubbliku iehor, meta ma' kienx f'kumdizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga;

U aktar talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, sar recediv ta' serq wara li gie kkundannat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 11 ta' Marzu 1993, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Wara illi rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279, 325, 287, 48, 49 u 289 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 15A u 15H tal-Kapitolu 65;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi rat l-Artikoli 49 u 50, din il-Qorti tirrileva illi l-akkuza ta’ recidiva ma’ tistax tirrizulta.

Illi l-ammissjoni volontarja ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati fuq l-akkuzi l-ohra.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imsemmi imputat, ghall-multa ta’ tlett mitt lira maltin (Lm300), kif ukoll qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, , u qeghda tinnomina lill-Probation Officer Carmen Nygaard b’rapport specifikament dwar ix-xoghol tieghu, kull tlett xhur, anke verbalment, a tenur ta’ l-Artikolu 5.

Il-Qorti qeghda wkoll tordna l-konfiska ta’ l-ghodod maqbuda u pprezentati.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------